MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birgu

# Is-Sebgha Legislatura

# Laqgħa Numru 35

27 ta` Lulju 2017

Il-Kunsilli Lokali Birgu ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Berga ta` Franza, Triq Hilda Tabone Birgu fis-sitta neqsin ghaxra ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur John Boxall – Sindku
Is-Sur Lawrence Attard – Kunsillier
Is-Sur Anton Gellel – Kunsillier
Is-Sur Trevor Mizzi – Viċi Sindku
Is-Sur Eman Zerafa – Kunsillier
Is-Sur Lawence Manicaro (Accountant)

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sinjura Lara Mascena – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku s-Sur John Boxall qal it-talba u ppresjeda l-laqgħa.

## 35.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Is-Segretarju Ezekuttiv prezentat l-ittra ta` apologija tas-Sur Eman Zerafa fejn informa lill-Kunsill li kien ser jattendi ftit tard habba xi kors.

## 35.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezentat il-Minuti tal-Laqgha Numru 33(07) u Laqgha B`Urgenza Numru 34(07) fejn gew approvati bi qbil unanimu.

**Punti Mqajjma mill-Minuti**

35.2.1 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li waqt il-laqgha li saret dwar il-lift , gie deciz li jinqaghlu xi cangaturi mill-bitha sabiex naraw kemm hija fonda l-gibja. Is-Sindku qal li ghandna nerga` naghmlu kuntatt mas-Sur Cilia sabiex jinbeda dan ix-xoghol *(Minuti 34(07) 33.2.7)*

35.2.2 Is-Sindku qal li ghandna tintbghat il-bye law ta` tisjir fuq barra lill-avukat tal-Kunsill sabiex jinbeda l-process mehtieg. *(Minuti 34(07) Korrispondenza)*

Wara li nqraw il-minuti gie diskuss Item 35.6 tal-Agenda.

## 35.6 Jum il-Birgu 2017

Is-Sur Boxall qal li wasal iz-zmien sabiex il-Kunsill jideciedi lil min ser jaghti Gieh il-Birgu 2017 u dan ghal fatt li zmien qed issir. Kien hemm tlett proponimenti li tressqu ghand il-Kunsill. Wara diskussjoni, bi qbil unanimu gie deciz li Gieh il-Birgu 2017 tinghata lis-Sur Joe Pule. Is-Sur Gellel qal li waqt ic-cerimonja ghandna nsemmu minn kienu nominati u nuthom tifkira tal-okazzjoni bhala premju ta` konsolazzjoni.

Is-Sur Mizzi qal li ghandha tittiehed decizjoni fejn ser ssir ic-cerimonja, u wara li saret diskussjoni gie deciz bi qbil unanimu li cerimonja ssir il-pjazza u riciviment issir fejn l-Oratorju.

Il-Kunsill bi qbil unanimu vvota ghal elfejn ewro sabiex issiru l-attivajiet relatati ma` Jum il-Birgu. Fost l-attivitajiet li ser jigu mhejjija gie deciz li ssir quddiesa s-Sibt ta` qabel 2 ta` Settembru, il-Hadd 3 ta` Settembru issir ftuh ta` wirja bl-istatwi ta` San Lawrenz u San Duminku, Tlieta 5 ta` Settembru issir harga tal-Captain Morgan u l-Hamis 7 ta` Settembru

ssir ic-cerimonja, inawgurazzjoni ta` trofew u riciviment. Dwar dan kien hemm qbil unanimu minn dawk prezenti.

6.30pm inghaqad fil-laqgha tal-Kunsill l-accountant tal-Kunsill is-Sur Laurence Manicaro

6.35pm inghaqad fil-laqgha tal-Kunsill is-Sur Eman Zerafa

## 35.3 Rapport Finanzjarju ta` Kull Kwart (Jannar – Gunju 2017)

IS-Sur Manicaro tah spjegazzjoni ta` rapport finanzjarju ta` l-ewwel sitt xhur tas-sena 2017, fejn spjega li l-Kunsill ghal dawn l-ahahr tlett xhur rega ghamel surplus ta` madwar dsatax –il elf ewro, fejn dan ifisser li matul l-ewwel sitt xhur tas-sena kien hemm surplus ta` €34,640. Is-Sur Manicaro qal jekk il-Kunsill jibqa sejjer b`dan l-andament u ma jintnefqux hafna spejjez, sal-ahhar ta` sena diehla, id-dejn tal-Kunsill jkun naqas hafna. Is-Sur Boxall zied jghid li waqt laqgha li kellhu mas-Segretarju Ezekuttiv, Direttur tal-Gvern Lokali u rapprezentati ohra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali qal li l-istess Direttur deher li huwa kuntent bl-andament tal-Kunsill matul dawn l-ahahr xhur.

7.00pm Il-laghqa giet sospenduta ghall-ghaxar minuti mis-Segretarju Ezekuttiv

## 35.4 Is-Sitwazzjoni tal-Parkegg fil-Pjazza

Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li l-Kunsill bghat siteplan lis-Sur Ray Zammit dwar fejn il-Kunsill jixtieq li jigu nstallati l-cameras tal-pjazza. Is-Sur Zerafa nforma lil dawk prezenti li l-Hadd li ghada, filghodu fil-pjazza kien hemm il-prezenza tas-Supretendent u l-pulizija u harku lil min kien qieghed ipparkjat hazin.

## 35.5 Is-Sitwazzjoni tal-Hmieg tal-Hamiem

Intbaghtu diversi korrispondenzi kemm lis-Segretarju Parlamentari l-Onorevoli Silvio Parnis u kif ukoll lis-Segretarju Parlamentari l-Onorevoli Clint Camilleri dwar din il-problema li aktar ma jghaddi zmien aktar qed tigrava sitwazzjoni u li residenti ma jisghtux jibghqu jghixu f`din is-sitwazzjoni. Is-Sindku qal li ghalissa l-Kunsill ghandu jistenna ftit minhabba l-festi tal-lokal. Zied jghid li l-Kunsill ser jispicca jitlef il-kontrol. Is-Sur Gellel propona li l-Kunsill ghandu jaghti data stipulata, fejn is-Sur Boxall ghal dan il-proponiment qal li din tigi tidher bhala thedida minn naha tal-Kusnsill. Is-Sur Boxall qal li minhabba dawn ic-cirkustanzi, il-kredibilita tal-Kunsill qed tintilef.

## 35.7 Birgufest 2017

Is-Sindku ssugerriexa li sir laqgha urgenti mas-Sur Andrew Agius Muscat u dan sabiex jibda jitfassal il-programm ghax qeghdin tard. Is-Segretajru Ezekuttiv qalet li hemm diversi bands li huma nteressati u li l-Kunsill minhabba li ghad m`ghandna l-ebda konferma dwar min ser jiehu sehem gruppi barranin, l-Kunsill ma jistax jaghti certu konfermi.

## 35.8 Sejha ghall-Offerti ghal Servizzi Legali lill-Kunsill Lokali tal-Birgu

Is-Segretajru Ezekuttiv infurmat lil dawk prezenti li s-sejha tal-offerti harget u ser taghlaq il-Gimgha 4 ta` Awwissu 2017.

## 35.9 Sejha ghall-Offerti ghall-Tlugh u Inzul tal-Bandiera

Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lil dawn prezenti li sejha ghall-offerti ghalqet nhar it-Tlieta 25 ta` Lulju 2017 u li kien hemm offerta wahda biss mill-kumpanija Security Service Malta Ltd ghall-prezz ta` €27.99 kuljum. Gie spejat li din l-offerta kienet wisq gholja ghall-budget tal-Kunsill. Il-Kunsill bi qbil unanimu qabbel li l-offerta ghandha titwaqqa`.

## 35.10 Korrispondenza

### 35.10.1 Permessi tal-attivitajiet relatati mall-Festa ta` San Lawrenz 2017

Mibughta tlett ittri mis-Sezzjoni Zghazagh Palmizi dwar tlett attivitajiet li ser jaghmlu fit-30 ta` Lulju 2017 fejn ser tinghalaq Triq Desain, fid-29 ta` Lulju 2017 attivita fi Triq San Filippu u s-Sibt 5 u l-Hadd 6 ta` Awwissu tinghalaq Triq Desain. Dwar dan kien hemm qbil unanimu mill-Kunsill u ma nstabet l-ebda ogezzjoni u li jridu jintalbu l-permessi mill-pulizija.

### 35.10.2 Progett EEA & Norway Grants Fund

Il-Kunsill ircieva korrispondenza minghand l-Assoccjazzjoni ALDA dwar progett EEA & Norway Grants Funds for Youth Employment u fejn il-Kunsill wera l-interess tieghu.

### 35.10.3 Proposta ta` Gemellag mall-belt ta` Vignanello

Mibughta ittra mis-Sindku tal-belt ta` Vignanello fejn il-Kunsill tal-Birgu gie mistieden sabiex jitlaq gewwa l-Italja sabiex jibda l-process tal-Gemellag. Id-dati proposti kienu bejn l-4 u 6 ta` Awwissu 2017. Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li delegazzjoni ta` erbgha minn nies ser jitilghu ghal dan il-gemellag.

**35.10.4 Dar tal-Anzjani fil-Birgu**

Mibughta ittra lill-Onorevoli Minsitru Evarist Bartolo sabiex issir laqgha mieghu biex jigi diskuss il-progett ta` dar tal-anzjani fil-lokalita tal-Birgu u dan sabiex tigi uzata l-ex skola Lorenzo Gafa fil-Birgu.

**35.10.5 Hub tal-Anzjani fil-Berga tal-Ingliterra.**

Intbaghtu diversi korrispondenzi sabiex issir laqgha mall-Onorevoli Segretarju Parlamentari Anthony Agius Decelis sabiex jigi jara xoghlijiet li saru u li ghadhom pendenti fil-Berga tal-Ingliterra. Din il-laqgha kellha ssir nhar it-Tnejn 10 ta` Lulju f`nofsinhar imma ghal xi raguni ma saritx. Is-Sindku sugeriexa li ghandha terga` tintbghat korrispondenza ohra biex issir din il-laqgha.

**35.10.6 Regjun Xlokk – Inizjattiva Finanzjarja – Ghoti mill-Gdid ta` tarmak.**

Intbaghtet l-Agenda tal-laghqa nru 91-02 mir-Regjun Xlokk fejn giet diskussa Inizjattiva Finanzjarja – Ghoti mill-Gdid ta` tarmak lit-toroq responsabilita tal-Kunsilli Lokali. Is-Sur Boxall nforma lill-kunsillier, is-Sur Attard sabiex jiehu hsieb din l-applikazzjoni. Is-Sur Attard qal li l-applikazzjonijiet jaghlqu fil-11 ta` Awwissu, 2017.

**35.10.7 Il-Gabbani li ser jarmaw fit-Toqba matul il-festa ta` San Lawrenz 2017.**

Il-Kunsill gie nfurmat mill-Ghaqda Piroteknika 10 ta` Awwissu fejn qed jirrifjutaw it-talba taghhom li ghamlu lill-istess Kunsill sabiex jinghatalhom permess biex jintramaw gabbani tal-festa fix-xatt ta` Toqba nhar 9 ta` Awwissu

**35.10.8 Zoni ghall-ipparkjar tar-Roti**

Giet mibughta ittra lill-Onorevoli Ministru Dr.Edward Scicluna dwar xi fondi li gew ivutati lill-Kunsilli Lokali sabiex jintuzaw bhala zona ghall-ipparkjar tar-roti gewwa lokalita tal-Birgu. Il-Kunsill talab li jinghatalu linja gwida ta` xi jrid jaghmel biex japplika ghal dawn il-fondi. Il-Kunsill ircieva l-applikazzjoni flimkien mal-linji gwida sabiex japplika ghal dawn il-fondi. Barra minnhekk intalbu wkoll il-kwotazzjonijiet.

**35.10.9 Solar CCTV system**

Is-Sindku ssugerriexa li tintalab kwotazzjoni u li jinghtaw l-specifications ta` dawn il-cameras. Is-Sur Boxall issugerriexa li kamera bhal din issir fiz-zona tal-Fortini.

**35.10.10 Tindif ta` Toroq fil-lokalita tal-Birgu**

Mibughta ittra lill-Onorevoli Segretarju Parlamentari Dr.Deo Debattista dwar it-tindif ta` toroq fil-lokalita tal-Birgu specjalment dawk it-toroq urbani. Dwar dan is-suggett, il-Kunsill ghandu laqgha mall-Onorevoli Debattista nhar l-1 ta` Awwissu 2017.

**35.10.11 European Week for Waste Collection**

European Week for Waste Collection li se tkun bejn it-18 u 26 ta` Novembru 2017. Wara diskussjoni gie deciz li ssir laqgha ma` rapprezentat mill-Kunsill Skolastiku sabiex ssir inizjattiva flimkien mall-iskola.

**35.10. 12 Notifika dwar il-gbir tal-iskart**

Intbghatet notifika bl-ingliz lil dawk il-flats li joghqodu fihom il-barranin dwar il-hinijiet tal-gbir tas-skart u x`multi hemm jekk din tinhareg wara l-gbir tal-skart. Is-Sur Boxall irringrazzja lis-Sur Gellel, kunsillier talli ghen f`din l-inizjattiva.

**35.10.13 Manutenzjoni tal-aperturi u l-pugamann tal-hadid ta` Couvre Porte.**

Mibughta ittra lid-Direttur tal-Gvern Lokali dwar talba finanzjarja sabiex tghin il-Kunsill jaghmel xi manutenzjonijiet tal-aperturi tal-gallarijiet tal-Librerija Regjonali u kif ukoll ghall-parti tal-pugaman tal-hadid li dan ma sarx minhabba ragunijiet finanzjarji tal-Kunsill. Il-Kunsill gab ukoll tlett kwotazzjonijiet u ghazel l-irhas offerta.

**35.10.14 Community Innovation Fund Application Form**

Il-Kunsill isottomessa l-applikazzjoni tal-bandli sabiex il-Kunsill ikun jista `jibbenfika minn dawn il-fondi sabiex dan il-progett ikun jista jsir. L-applikazzjonijet ghalqu nhar is-17 ta`Lulju 2017.

**35.10.15 Cirk AKL 42/2017 – Kollaborazzjoni mall-Kummisjoni Kontra l-Vjolenza Domestika f`sensiela ta` attivitajiet.**

Mibughta Cirkulari dwar kollaborazzjoni mall-Kummisjoni Kontra l-Vjolenza Domestika f`sensiela ta` attivitajiet. Dawn l-attivitajiet se jsiru bejn l-24 ta` Novembru 2017 u l-10 ta`

Dicembru 2017, fejn l-ghan ewlieni ser ikun *Raising Awareness about Domestic Violence and Gender-based Violence.*

**<u>35.10.16 Laqgha dwar problemi relatati ma` pulzija u gwardjani lokali.</u>**

Il-Kunsill talab li ssir laqgha mall-Onorevoli Ministru Micheal Farrugia dwar diversi problemi li l-Kunsill qed jaffacja fil-lokalita tieghek specjalment dawk tal-pulzija u gwardjani lokali. Il-laqgha ser ssir nhar 22 ta` Awwissu 2017 fit-3.30pm.

**<u>35.10.17 Cameras fil-pjazza tal-Belt Vittoriosa</u>**

Il-Kunsill bghat siteplan tal-Pjazza tal-Belt Vittoriosa lis-Sur Raymond Zammit mill-LESA, fejn f`din is-site plan gew immarkati zewg zoni fejn il-Kunsill jixtieq li jsiru l-cameras biex tigi sorveljata l-pjazza mill-karrozzi.

**<u>35.10.18 Cirk AKL 43/2017 – Jithabbru l-attivitajiet tal-Gimgha Ewropea tal-Mobilita.</u>**

Mibughta Cirk AKL 43/2017 – Jithabbru l-attivitajiet tal-Gimgha Ewropea tal-Mobilita, fejn dawn l-attivitajiet ser jinzammu fil-gimgha ta` bejn 16 u t-22 ta` Settembru 2017. In-National Car Free Day ser tkun il-Hadd 17 ta` Settembru 2017. Is-Sur Boxall informa lis-Sur Gellel, kunsillier sabiex jiehu hsieb l-atttiva li ser ssir il-Hadd 17 ta` Settembru. Is-Sindku ssugeriexa li nibghatu lill-Melvin Degiorgio sabiex jiprepara poster.

**<u>35.10.19 Progett relatat ma` Town Twinning</u>**

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu wera interess f`Town Twinning Project mall- Vilnus City Hall fil-Lithuania. Dan il-progett mistenni jsir bejn 5-8 ta` Gunju 2018.

**<u>35.10.20 Progett relatat ma` Town Twinning</u>**

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu wera interess f`Town Twinning Project mall-Ibar Development Initiative mis-Serbja.

**<u>35.10.21 Kuntratt dwar Gbir ta` Skart Separat.</u>**

Mibughta zewg ittri liz-zewg kumpaniji li joffru dan is-servizz tal-gbir ta` skart separat. L-offerti taghhom sabiex jinghatahom dan il-kuntratt huma miftuha sal- 1 ta` Awwissu 2017.

**35.10.22 Poster tas-Short Film Festival fl-attivita tal-Birgufest 2017**

Mibghut il-poster tal-Short Film Festival ta `din is-sena li ser ssir waqt l-attivita tal-Birgufest 2017. L-applikazzjonijiet huma mitftuha sa` 30 ta` Settembru 2017. Il-Kunsill bi qbil unanimu approva dan il-poster.

**35.10.23 Ittra ta` stedina lis-Sindku ta` Bethelem.**

Mibughta stedina lis-Sindku ta` Betlehem sabiex flimkien mal-mara tieghu jigu ghall-attivita tal-Birgufest 2017. Is-Sindku qal li ghandna naghmlu laqgha mac-Chairman tal-Airmalta sabiex jghinna fit-titjiriet tal-ajru u nibghatu ittra lill-Ministru Carmelo Abela dwar l-passag tal-ajru tas-Sur Franklin Aquilina.

**35.10.24 Mainholes sfrondati fi Triq it-Torri ta` San Gwann**

Mibghuta ittra lid-Direttur tar-Restoration Unit dwar main holes sfrondati fi Triq it-Torri ta` San Gwann quddiem dar numru 4 u fejn din is-sitwazzjoni gravat. Din l-istess korrispondenza ntbghatet lill-Prem Sec tal-Ministru Dr. Owen Bonnici.

**35.10.25 Hmieg tal-Klieb fi Triq it-Torri ta` San Gwann**

Tressaq ilment li fi Triq it-Torri ta` San Gwann qed ikun hemm hafna hmieg tal-klieb. Is-Sindku propona li ghandhom jigu nstallati tlett bins ghall-hmieg tal-klieb, fejn ghal dan il-porponiment kien hemm qbil unanimu.

**35.10.26 Cirk 17-2017 WIFI4EU**

Progett bl-isem WIFI4EU, fejn l-appikanti li japplikaw ghal dan il-progett inghataw fondi sabiex ikopru l-ispiza ta` nstallazzjoni ta` WIFI f`positijiet pubblici fil-lokalita. Is-Sindku ssugeriexa hames open spaces li l-aktar huma frekwentati minn nies. Il-Kunsill qabel unanimament li tintbghat l-applikazzjoni.

**35.10.27 Progett BEWARE - BEtter Water-management for Advancing Resilient-communities in Europe.**

Il-Kunsill qabbel unaniment li juri interess ghal dan il-progett.

**35.10.28 Call for Interest: Valletta 18**

Il-Kunsill gie infurmat li ser jitella progett bl-isem ta` Darba Wahda..... Dan il-progett ser ssir bejn Ottubru u Dicembru 2017. Il-project leader tal-progett giet tara l-venues li l-Kunsill jista` joffri sabiex isiru dawn l-attivitajiet.

**35.10.29 Talba ghall-EU Personnel**

Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li fuq talba tad-Direttur tal-Gvern Lokali, il-Kunsill bghat ittra lill-istess Direttur sabiex jghin lill-Kunsill tal-Birgu billi jigi mpjegat EU personnel mall-Kunsill u dan sabiex jghin lill-istess Kunsill biex japplika u jmexxi l-progetti tal-EU. Id-Direttur wera xewqa li jghin lill-Kunsill.

## 35.11 Komunikazzjoni mis-Sindku

35.11. 1 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li gie kkuntatjat mis-Sindku ta` Bormla sabiex flimkien mall-bliet l-ohra tal-Kottonera u l-Kalkara napplikaw ghall-progett sabiex issiru sistemi tal-e bikes fil-lokalitajiet. Dwar dan il-Kunsill qabbel unanimament.

35.11.2 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li waqt laqgha li kellu flimkien mas-Segretarju Ezkeuttiv mad-Direttur tal-Gvern Lokali, gie ssugeriet li tender tal-knis jista` jaqa` ghax kien hemm certu kundizzjonijiet li ma kinux spjegati tajjeb. Is-Sindku qal li ser idur il-kundizzjonijiet ta `tender huwa personali u jerga jinhareg mill-gdid. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

35.11.3 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li gew ordnati zewg pari crowd control bollards.

35.11.4 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li ngabu xi kwotazzjonijiet sabiex jinxtraw sitt siggijiet ghas-sala li giet restawrata. Is-Sur Boxall zied jghid li flus minn tal-Kunsill mhux ser jintmessew biex jinxtraw imma jinxtraw mid-donazzjonijiet li jinghataw il-Kunsill. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 35.12 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

35.12.1 Is-Sur Zerafa staqsa dwar il-bankijiet ta` fuq is-simenta, jekk hux possibli li dan jinzebghu. Is-Sindku ha nota ta` dan.

## 35. 13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

Is- Sindku, is-Sur John Boxall ressaq ghall-approvazzjoni l-Iskeda tal-Pagamenti li tkopri c-cekkijiet bin-numri, BOV 3616 – 3659 fejn cekk numru BOV 3630 u BOV 3635 gew kkancellati. Il-Kunsill approva b'mod unanimu l-Iskeda ta' Pagamenti ddatata 4 ta` Lulju 2017 sas-27 ta` Lulju, 2017.

## 35.14 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa intemmet fid-disgha neqsin ghoxrin ta` filghaxija (8:40pm) u ġiet aġġornata l-laqgha Nru 36 ghal Erbgha 30 ta` Awwissu 2017 fil-hamsa u nofs ta` filghaxija (5:30pm)

Konfermati Il-Hamis 31 ta` Awwissu 2017

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| John Boxall<br>Sindku | Lara Mascena<br>Segretarju Eżekuttiv |